MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 8 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 02

It-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala ( CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (3)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku,  ppresjeda

Minuti

## 2.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

2.1.1 Is-Sindku qara e-mail datata 9 ta' Lulju 2019 li permezz taghha, is-Sa. Michaela Chircop talbet lill-Kunsill Lokali jiskuza n-nuqqas taghha.

2.1.2 Il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jiggustifika n-nuqqas tas-Sa Chircop mis-Seduta.

## 2.2 Kunsiderazzjonu u approvazzjoni tal-Minuti;

2.2.1 Il-Minuti tas-seduta numru 1 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

2.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Carlo Stivala ssekondata mis-Sur Joseph Baldacchino, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

2.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 2.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

2.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet mas-Sur George Azzopardi rigward il-progett ta' rigenerazzjoni ta' Birzebbuga. Is-Sur Farrugia ghadda lill-membri prezenti rendikont ta' dak li kien gie diskuss matul l-imsemmija laqgha.

2.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera b'laqgha li kienet inzammet mal-Perit William Lewis u li matulha kienu gew diskussi progetti pendenti li l-Kunsill Lokali kellu u li b'xi mod l-ufficcju tal-Perit Lewis kien involut fihom.

2.3.3 Is-Sindku informal ill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet mal-Perit Ray Farrugia. Huwa sahaq illi matul l-istess laqgha kien gie diskuss xoghol li seta' jsir b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-awtoritajiet centrali.

## 2.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

2.4.1 Is-Sur Scott Camilleri staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm il-possibilita' illi tigi evalwata l-problema ta' skart li kien hemm f'Misrah is-Summit.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jivverifika permessi ghal *bins-on-wheels* li kien hemm.

2.4.2 Is-Sa. Josette Baldacchino talbet lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possibilita' illi japplika sabiex isir stage fi Triq il-Kampanjol.
Is-Sindku informa lis-Sa. Busuttil illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed japplika sabiex isir l-izvilupp propost.

2.4.3 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali zviluppi li seta' kien hemm minn Projects Plus b'konnessjoni ma' progett li kien gie diskuss fil-passat ghaz-zona ta' Ghar Hasan.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa f'aktar dettall fil-gimghat segwenti.

2.4.4 Is-Sa. Josette Busuttil talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jsir tindif fi Gnien il-Kummerc.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jaghmel spezzjoni u jara x'jista' jsir

2.4.5 Is-Sa. Josette Busuttil talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jsir patching fiz-zona ta' Sansajna ghaliex kien hemm kwantita' konsiderevoli ta' hofor.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikollu laqgha mas-Sur Charles Briffa li matulha kien ser jiddiskuti fost l-ohrajn il-possibilita' illi jsir patching fiz-zona msemmija.

2.4.6 Is-Sinjuri Josette Busuttil u Carlo Stivala staqsew lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tigi ratifikata problema relatata mal-blat li kien hemm fiz-zona tal-Qajjenza.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jibghat ittra lis-sezzjoni Marittima ta' Transport Malta dwar il-materja u jzomm lill-Kunsilliera aggornati.

2.4.7 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tigi ratifikata s-sitwazzjoni ta' hedging li kien hemm fi Gnien San Gorg.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kellha tigi ratifikata permezz ta' kuntratt li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jaggudika ghaz-zamma u manutenzjoni ta' gonna pubblici.

2.4.8 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possibilita' illi jsir *patching* bil-ghan illi tinghalaq hofra kbira li kien hemm fi Triq San Gorg (faccata tal-istabbiliment Miracles).
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jiehu hsieb illi jsiru x-xogholijiet.

2.4.9 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet lill-Kunsill Lokali zviluppi dwar dghajsa mdendla li kien hemm biswit l-istabbiliment Shortly u li ghal xi raguni kienet tnehhiet. Dan minbarra problemi li kien qieghed jikkawza hadid li kellu hafna sadid ecc.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-progett imsemmi mill-Kunsilliera Portelli kien gie implimentat mill-Fondazzjoni Valletta 2018. Is-Sur Farrugia sahaq illi fir-rigward kien zamm laqgha bil-ghan illi jigi diskuss pjan ta' manutenzjoni ghall-istess progett bil-ghan illi z-zona ssir aktar sigura ghall-pedonali.

2.4.10 Is-Sur Alexander Caruana talab lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possibilita' illi tigi ratifikata sitwazzjoni li kienet inholqot kawza ta' zvilupp li kien hemm fiz-zona ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa.

Wara li sema l-opinjoni tal-Kunsilliera, is-Sindku qal illi b'mod temporanju kien ser ikun qieghed jara illi jsiru *roadmarkings* illi jassiguraw is-sigurta' tas-sewwieqa u l-pedonali fiz-zona.

2.4.11 Is-Sa. Maria Mifsud talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jizdiedu l-litter bins fiz-zona tal-Bajja ta' San Gorg u f'postijiet ohra madwar il-lokalita'.
Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv stiednu lis-Sa. Mifsud biex taghmel ezercizzju bil-ghan illi f'seduti segwenti jkunu jistghu jigu diskussi

*F'dan l-istadju is-Sa. Josette Busuttil harget mis-seduta ( 18:53)*

2.4.12 Is-Sa. Maria Mifsud talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi ssir tisqija fil-gonna pubblici ghaliex kien hemm problema ta' nixfa.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kellha tigi ratifikata bl-aggudikar ta' sejha ghall-offerti ghall-manutenzjoni u zamma ta' gonna pubblici li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jaggudika.

*F'dan l-istadju dahlet lura ghas-seduta is-Sa. Josette Busuttil ( 18:59)*

2.4.13 Is-Sa. Maria Mifsud talbet lill-Kunsill Lokali aggornament dwar xoghol li kien ghaddej fi Triq il-Brolli.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sa. Mifsud illi x-xoghol kien ghaddej u l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jinzamm aggornat b'eventwali zviluppi li seta' jkun hemm.

2.4.14 Is-Sa. Maria Mifsud talbet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar problema li kien hemm fiz-zona tal-pitch tal-waterpolo.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien mgharraf illi fiz-zona kellha ssir platform.

2.4.15 Is-Sa. Maria Mifsud staqsiet lill-Kunsilll Lokali jevalwa l-possibilita' illi ssir talba lill-Awtorita' tad-djar bil-ghan illi jigi installat lift fil-komun ta' blokka ta' bini.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jitlob illi tinzamm laqgha mal-awtorita' tad-djar dwar il-materja.

2.4.16 Is-Sur Carlo Stivala staqsa lill-Kunsill Lokali s-sitwazzjoni b'konnessjoni ma' bankijiet li kien hemm biswit il-pitch tal-waterpolo.
Wara li informa lill-Kunsilliera prezenti bis-sitwazzjoni, is-Sindku sahaq illi kien ser ikun qieghed jitlob laqgha ma' Birzebbuga Aquatic Sports Club bil-ghan illi tigi diskussa l-materja.

2.4.17 Is-Sur Carlo Stivala talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jitnehha karru tal-hadid li kien hemm fi Triq tal-Papa kantuniera ma Triq il-Gandoffla.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien ser ikun qieghed jara illi l-ingombru msemmi jintehha fl-iqsar zmien possibbli.

2.4.18 Is-Sur Joseph Baldacchino staqsa lis-Sindku dwar il-possibilita' illi Triq Wied il-Buni jinghatalha wicc gdid bl-asfalt.

Is-Sindku rrimarka l-ispiza kapitali illi tali inizjativa kienet torbot maghha u sahaq illi kellu jkun hemm negozjati mal-Gvern Centrali dwar il-materja.

2.4.19 Is-Sur Stanley Zammit, filwaqt li rringrazzja lill-Eks-Sindku u Kunsilliera li ma kienux ghadhom fil-kariga tal-kontribut siewi taghhom sahaq illi l-Kunsill Lokali kellu, fl-opinjoni tieghu, jikkunsidra illi l-istess individwi jinghataw rikonoxximent ghal hidmiethom b'risq Birzebbuga.
Is-Sindku sahaq illi filwaqt li kien jaqbel mas-Sur Zammit, il-materja kellha tigi diskussa f'dettall waqt l-evalwazzjoni ta' rikonoxximenti marbuta ma Jum Birzebbuga.

2.4.20 Is=Sur Stanley Zammit talab lill-Kunsilliera jevalwaw il-possibilita' illi tintbaghat ittra lir-residenti bil-ghan illi dawk interessati jiffurmaw parti minn sotto-kumitati li kienu ser jinhatru fi hdan il-Kunsill Lokali.
Wara li sema l-opinjoni tal-Kunsilliera, is-Sindku sahaq illi l-Kunsill Lokali kellu jadotta l-proposta tal-Kunsillier Zammit.

2.4.21 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward traffic calmers li kienu gew approvati minn Transport Malta u li kienu ghadhom ma gewx implimentati.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali ittre li kienu intbaghtu b'talbiet ghal stimi. Is-Sur Hall sahaq illi sal-gurnata tas-seduta, minkejja diversi telefonati il-Kunsill Lokali ma kienx ircieva l-istimi mitluba.

2.4.22 Is-Sur Stanley Zammit sahaq illi fl-opinjoni tieghu kellha tinzamm laqgha pubblika rigward is-sistema ta' mmaniggjar tat-traffiku ta' Triq iz-Zurrieq.
Wara li sema l-opinjoni tal-Kunsilliera, is-Sindku qal illi kellhom isiru l-kordinamenti mehtiega sabiex tinzamm il-laqgha hekk kif sippost.

2.4.23 Is-Sur Stanley Zammit sahaq illi fl-opinjoni tieghu kellha tinzamm laqgha pubblika rigward is-sistema ta' mmaniggjar tat-traffiku madwar l-iskola primarja.
Wara li sema l-opinjoni tal-Kunsilliera, is-Sindku qal illi kellhom isiru l-kordinamenti mehtiega sabiex tinzamm il-laqgha hekk kif sippost.

2.4.24 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lis-Sindku jekk setghetx issir sistema ta' parkegg f'misrah is-Summit galadabra s-sit ma kienx ghadu jservi bhala venda ghat-trasport pubbliku.
Is-Sindku informa lis-Sur Zammit sabiex jiehu hsieb il-materja flimkien mal-perit tal-Kunsill Lokali.

2.4.25 Is-Sur Carlo Stivala talab lill-Kunsill Lokali dwar il-problemi li kien hemm fiz-zona ta Triq tal-Papa. Gie deciz illi filwaqt li kellhom jintalbu laqghat lill-Onor. Chris Agius u lil Infrastructure Malta dwar numru ta' problemi, kellhom jigu infurmati il-pulizija tal-ghassa ta' Birzebbuga bi problemi li kien hemm kawza ta' vetturi.

## 2.5 Rapporti;

2.5.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu April – Gunju 2019 ghad-diskussjoni u stieden lid- Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-istess rapport finanzjarju

2.5.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsilliera prezenti l-kontenut tad-dokument imsemmi u wiegeb mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Doriana Portelli ssekondata mill-Kunsillier Stanley Zammit, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

2.5.3 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport b'korrispondenza u stima ghal servizz ta' Data Protection Officer. Is-Sur Farrugia u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegaw kif il-materja kienet giet diskussa fil-legislatura precedenti u kien gie deciz illi l-decizjoni finali kellha tittiehed mit-tmien legislatura. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi d-dipartiment ghall-Gvern Lokali permezz tar-rapprezentanta legali kienet gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali rigwar il-htiega li jinhatar data protection officer fl-iqsar zmien possibbli. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill Lokali li kellha tigi accettata l-istima li kienet inkisbet minghand BOOM consultancy, liema stima kienet tammonta ghal ewro 4800 (VAT eskluz).

2.5.4 Is-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill lokali rapport bi stimi ghal xiri ta' materjal/servizzi/fornimenti. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali kellu jaccetta l-istima ta' P&D Consultancy, liema stima kienet tammonta ghal ewro 3 960 (VAT eskluz) ghall-kiri ta' servizz ta' accountancy ghal perjodu ta' sena kalendarja
- Il-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal spiza ta' ewro 130 bil-ghan illi tixtara *mini-fridge* ghal-librerija pubblika. L-ispiza msemmija kienet l-orhos fost l-istimi migbura.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi minkejja li kienu intalbu l-istimi, ma kenitx ghadha waslet korrispondenza bi stimi ghax-xiri ta' *rubber type traffic calmers*. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsiliera prezenti illi l-amministrazzjoni kienet ser tkun qieghda tkompli ssegwi l-materja.
- Wara li permezz ta' korrispondenza kien hemm qbil illi jinxtara festoon twil 700 metru bil-ghan illi jitwahhal mal-promenade l-amministrazzjoni kienet talbet tliet stimi lil fornituri. Sal-gurnata tas-seduta kienu waslu biss zewg stimi. Gie deciz illi l-imsemmi festun kellu jinxtara minghand l-orhos fornitur wara li tkun waslet ghand il-Kunsill Lokali it-tielet stima.

2.5.5 Is-Sindku pprezenta fuq il-mejda rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet titlob decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ttiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Qabel ma jinghata data ghal laqgha hekk kif mitlub, il-Kumitat ghal Qajjenza ahjar kellu jintalab jibghat lill-Kunsill Lokali agenda ta' dak li kien ser jigi diskuss fl-istesss laqgha.
- Kellha tinzamm laqgha mas-sur Lawrence Formosa bil-ghan illi jkun hemm negozjati dwar il-prezz li l-istess Sur Formosa kien ikkwota bil-ghan illi jinqabad hamiem selvagg b'konnessjoni ma' sett ta' *bye laws* li l-Kunsill Lokali kien adotta.
- Kellha tigi mghoddija lill-Kunsilliera korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand l-assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali b'konnessjoni ma' Inizjativa MCCF 2019.
- Kien hemm diskussjoni dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill b'konnessjoni ma' hrug ta' permess ghal imwejjed u siggijiet lill-klabb St. Peters' F.C. Fir-rigward, bi qbil komuni gie deciz illi kellu jinhareg permess bil-

kundizzjoni illi tithalla l-bankina u access quddiem l-entratura ta' residenza biswit libera.

- Wara li ddiskuta korrispondenza li kien ircieva, liema korrispondenza kienet datata 2 ta' Lulju 2019, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu qabel illi sakemm. Ma jkunx hemm spejjez kellha tintbaghat stedina sabiex delegazzjoni ta' erba' rapprezentanti minn Pingtan izuru Malta ghal tlett ijiem bejn Settembru u Ottubru 2019.

## 2.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.6.1 Is-Sindku Joseph Farrugia ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 07/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

2.6.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Stanley Zammitu ssekondata mill-Kunsilliera Maria Mifsud, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

2.6.3 Is-Sindku Joseph Farrugia ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Gunju 2019 bir-riferenza 6/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

2.6.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Joseph Baldacchino u ssekondata mis-Sindku Joseph Farrugia, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament

*F'dan l-istadju (8:30p.m.) u bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz illi s-seduta kellha titkompla minkejja li kienu ghaddew tliet sieghat mill-bidu tal-istess seduta. Id-decizjoni ttiehdet b'konformita' mar artiklu 43(3) tal-ordinijet permanenti tal-att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363).*

## 2.7 Mozzjonijiet

2.7.1 Ma kienx hemm

## 2.8 Traffiku u Parkegg

2.8.1 Bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, gie deciz illi kellu jsir kuntatt u jintalab l-intervent tal-perit tal-Kunsill Lokali ghal sistema ta' mmaniggjar ta' traffiku fiz-zona ta' Hamil Hal Barka. Dan fuq suggeriment tal-Kunsillier Stanley Zammit.

2.8.2 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill lokali kellu jikkunsidra l-possibilita' illi jsir parkegg temporanju fl-iskola primarja. Kien hemm qbil mal-proposta tal-Kunsillier Zammit.

2.8.3 Is-Sur Alex Caruana qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsil Lokali kellu jiehu hsieb jordna tabella tat-traffiku ghal Triq il-Batterija. Kien hemm qbil mal-proposta tal-Kunsillier Caruana.

## 2.9 Applikazzjonijiet ghal zvilupp

2.9.1 Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi zvilupp li kien qieghed jigi propost permezz ta' applikazzjoni bin-numru PA/04596/19. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghall-imsemmija applikazzjoni ghall-zivilupp.

## 2.10 Street Lighting

2.10.1 Il-Kunsillier Stanley Zammit informa lill-Kunsilliera prezenti b'talba li kienet waslet sabiex tigi installata lampa gdida fi Triq Dicembru 13. Wara li l-Kunsillier Zammit spjega s-sit ezatt fejn kienet saret it-talba, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi bl-installazzjoni u applikazzjoni rispettiva mal-korporazzjoni Enemalta.

2.10.2 Il-Kunsillier Stanley Zammit informal ill-Kunsill Lokali illi kien jinthieg li l-Kunsill jipprocedi bil-ghan illi jkun jista' jigi implimentat progett li l-Kunsill Lokali kien applika ghalih permezz tal-iskema ta' fondi kapitali li kienet inharget mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali. Wara li s-Sur Zammit spjega lill-Kunsilliera l-godda l-progett in-kwistjoni, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi hekk kif propost.

## 2.11 Attivitajiet

2.11.1 Il-Kunsilliera Josette Busuttil qalet illi kienet ser tkun qieghda tahdem fuq l-attivita' li tittella' matul is-sajf fil-qajjenza u zzom lill-Kunsill Lokali aggornat b'eventwali zviluppi.

2.11.2 Il-Kunsilliera Josette Busuttil qalet illi kienet ser tkun qieghda tahdem fuq Jum Birzebbuga 2019 u zzomm lill-Kunsill Lokali aggornat. Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja.

2.11.3 Il-Kunsilliera Carlo Stivala, Scott Camilleri u Doriana Portelli infurmaw lill-Kunsill Lokali b'attivita' zghira li kienet ittellghet b'konnessjoni ma' kompetizzjoni tas-sbuhija u sahqu illi l-attivita' kienet intleqghet tajjeb tant illi kien hemm talbiet sabiex il-*fitness classes* li kienu ttellghu jibdew isiru b'mod regolari, liema proposta kienet ser tkun qieghda tigi evalwata.

2.11.4 Il-Kunsilliera Josette Busuttil qalet illi kien hemm il-possibilita' illi matul l-2019 jittella' f'Birzebbuga l-karnival tas-sajf, liema attivita' l-istess Kunsill Lokali kellu jircievi komunikazzjoni dwarha.

## 2.12 Offerti Pubblici u Kuntratti.

2.12.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni b'konnessjoni ma sejha ghall-offerti ghaz-zamma u manutenzjoni ta' gonna pubblici li kienet inharget mill-Kunsill Lokali. Wara li l-Kunsilliera, inghataw l-opportunita' li jispezzjonaw ir-rapport, fuq mozzjoni tal-Kunsillier Carlo Stivala ssekondat mis-Sur Joseph Baldacchino, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu qabel illi s-sejha kellha tigi

aggudikata lill-uniku offerent li kien issottometta offerta, liema offerta kienet valida mill-aspetti kollha

## 2.13 Progetti u xogholijiet

2.13.1 Il-Kunsillier Stanley Zammit qal illi kienet inzammet laqgha dwar numru ta' progetti minuri li kellu l-Kunsill Lokali liema laqgha kienet diga' saret referenza ghaliha aktar kmieni waqt l-istess seduta.

2.13.2 Il-kunsillier Stanley Zammit informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienet giet sottomessa applikazzjoni sabiex issir Sistema ta' irrigazzjoni u xi xogholijiet ohra fi Gnien l-Indipendenza.

2.13.3 Is-Sindku informal ill-Kunsilliera b'laqgha li kienet inzammet ma' Projects Plus b'konnessjoni ma' pjan ta' rigenerazzjoni li kien qieghed jigi propost ghal Birzebbuga. Wara diskussjoni libera, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jaggorna u jkompli jiddiskuti l-materja fil-kontinwazzjoni tas-seduta.

Is-Seduta giet fi tmiemha fid-9:45 minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-tlieta 16 ta' Lulju 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 16 ta' Lulju, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |